- *DISPREZZ –*
- *AZZJONI TA' INDOLI KRIMINALI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 12 ta' Dicembru, 2001**

**Kawza Numru: 13**
**Citazzjoni Numru: 1987/99/RCP**

**Registratur tal-Qrati Superjuri**

**vs**

**Anna Mizzi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi b'digriet tal-5 ta' Mejju 1999 moghti fil-kawza fl-ismijiet "Emanuel Degiorgio -vs- Anna Mizzi", Citazzjoni Numru

1320/98/GV, din il-Qorti ordnat li ghat-termini tal-artikolu 851(4) tal-Kap.12, l-oggetti tad-deheb meritu tal-istess kawza jigu depozitati fil-Monte di Pieta` sakemm tigi deciza l-istess kawza.

Illi l-istess konvenuta rrifjutat li tikkonsenja l-istess deheb lill-Marixxall Carmel Degiorgio ghaliex kienet iddisponiet minnu.

Illi b'rikors ipprezentat fit-23 ta' Gunju 1999, l-imsemmi Emanuel Degiorgio gieb ghall-konjizzjoni ta' din il-Qorti dana kollu u talab li din il-Qorti tordna li jibdew kontra l-konvenuta proceduri ghad-disprezz lejn l-awtorita ta' din il-Qorti, dokument "XI".

Illi b'digriet tas-17 ta' Gunju 1999, din il-Qorti laqghet it-talba w ordnat lir-Registratur jiehu passi kontra l-konvenuta ghal disprezz lejn l-awtorita` tal- Qorti, dokument "X2".

Illi ghal hekk qieghda ssir din il-kawza.

L-istess attur talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) issibha hatja ta' disprezz ghall-awtorita` taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (KapA2); u

(2) tikkundannaha ghall-pieni preskritti mill-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngjunta ghas-subizzjoni, u bit-twissija li jekk ma tidhirx hija tista' tigi mgieghela biex twiegeb ghall-akkuza bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Anna Mizzi a fol. 11 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi hi ma kkommettiet ebda disprezz peress li d-deheb in kwistjoni kienet iddisponiet minnu qabel kull ordni moghtija mill-Qorti.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol. 11 u 12 tal-process.

Rat il-verbali tat-22 ta' Frar 2000; tas-6 t'April 2000; u tal-14 ta' Gunju 2000 fejn il-Qorti ordnat li jigu esebiti mill-atturi l-atti kollha gudizzjarji relattivi ghal din il-kawza u xehed Dr Tonio Azzopardi.

Rat in-nota tal-attur tal-24 ta' Ottubru 2000 u d-dokumenti hemm esebiti (fol. 39 sa 46 tal-process).

Rat il-verbali tal-25 ta' Ottubru 2000 fejn xehdu il-Marixxall Carmel Degiorgio u Anna Mizzi u Dr Victor Zammit iddikjara li m'ghandux provi aktar.

Rat il-verbal tal-14 ta' Dicembru 2000, tal-15 ta' Jannar 2001 fejn xehdet il-konvenuta Anna Mizzi, tas-7 ta' Marzu 2001 u tat-23 ta' Mejju 2001 fejn xehdet Anna Mizzi in kontro-ezami u Carmen Azzopardi.

Rat il-verbal tal-5 ta' Lulju 2001 fejn il-konvenuta ddikjarat li m'ghandiex provi aktar, Dr Zammit ipprezenta kopja ta' risposta fl-atti tac-citazzjoni ndikati fin-nota tal-24 ta' Ottubru 2000 u talab li jigu allegati l-atti tax-xhieda moghtija fil-kawza 1320/98/GV ma din il-kawza, stante li fil-mori ta' din il-kawza hemm ampja referenza kemm fix-xhieda tal-25 t'Ottubru 2000 moghtija mill-konvenuta, fid-dokument tal-Marixxall Degiorgio man-nota tal-24 t'Ottubru 2000, fix-xhieda tal-konvenuta tat-23 ta' Mejju 2000. Dr Noel Bartolo ghall-konvenuta oppona ghall-istess peress li l-provi huma maghluqa u x-xhieda mitluba mhix relevanti ghall-kaz *de quo.* Inghata digriet fis-sens li l-Qorti cahdet it-talba stante li l-provi attrici ilhom maghluqa u din it-talba setghet saret fl-istadju tal-provi attrici u *di piu`* minn dak li gie trattat quddiemha n-natura ta' din il-kawza hija ghal-kollox differenti u distinta mill-kawza indikata Cit Nru 1320/98/GV.

Id-difensuri qablu li jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru 2001.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qorti tat-22 ta' Awissu 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. KAWZA ODJERNA.

Illi din il-kawza qed issir mill-attur stante li qed jallega li l-konvenuta irrifjutat li tobdi l-ordni tal-Qorti moghtija b'digriet tal-5 ta' Mejju 1999 fil-kawza fl-ismijiet "Emanuel Degiorgio vs Anna Mizzi" (Citaz. Numru. 1320/98/GV), fejn il-Qorti kienet ordnat lill-konvenuta sabiex *ai termini* tal-**Kap 851 (4) tal-Kap 12** tiddeposita l-oggeti hemm imsemmija fil-Monte di Pieta' sakemm tinqata' l-kawza, u il-konvenuta naqset li taghmel dan ghaliex sostniet li d-deheb kienet iddisponiet minnu ma terzi, u ghalhekk konsegwentement fuq rikors pprezentat fis-26 ta' Mejju 1999, l-istess rikorrenti talba li jittiehdu kontra l-konvenuta il-proceduri ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti, u b'digriet tas-17 ta' Gunju 1999, din il-Qorti diversament presjeduta ordnat li jittiehdu l-istess proceduri.

Illi l-konvenuta ecceppiet li hija ma kkommettiet ebda disprezz lejn l-istess Qorti, stante li hija d-deheb iddisponiet minnu qabel kull ordni moghtija mill-Qorti.

**B. PRINCIPJI LEGALI.**

Illi tajjeb li jigi rilevat illi l-kawza odjerna titratta dwar kawza ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Bhala tali taqa' taht id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 988 sa 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** u dwar il-principji li jirregolaw l-istess istitut qed issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Registratur tal-Qorti Superjuri vs Dolores sive Didi Busietta"** deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fit-18 ta' Ottubru 2000 (Citaz. Numru. 1914/98/RCP).

Illi fl-istess sentenza giet citata d-decizjoni "**Catherine Portelli vs Joseph Cachia et noe**" (A.K. 28 ta' Jannar 1991) fejn inghad li tali artikoli huma intizi sabiex:-

"*Tiddisponi li certi atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u tippreskrivi l-pieni li ghandhom jigu nflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi att minn dawk. F' dawn il-kazijiet il-ligi tispecifika l-pieni tac-canfira, ta' l-ammenda jew multa, jew tad-detenzjoni preskritti mill-Kodici Kriminali. Mill-premess jidher car li dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess procediment gie introdott b' citazzjoni, cioe` l-att li ordinarjament jintuza f'azzjonijiet civili, u ma jnehhi xejn minnatura kriminali. Ic-citazzjoni f'*

*dan il-kaz ma hija xejn hlief it-tahrika ta' "l-akkuzat" biex jidher biex iwiegeb ghall-akkuza* ***(Artikolu 998 tal-Kap 12)****.*"

Illi wkoll jinghad li l-procediment odjern huwa skond is-sentenza "**Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri**" (P.A. C.C 9 ta' Novembru 1990):-

"*Stabbilit mill-ligi, aktar milli bl-iskop li tigi kustodita d-dinjita` tal-Qorti, biex tigi tutelata l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja*."

Illi ovvjament dawn ir-regolamenti huma mehtiega sabiex tinzamm l-ordni tant li l-Qorti fis-sentenza taghha **"Il-Qorti vs George Galea"** (A.C. H.H. 14 ta' Marzu 1988. LXXII.ii.228) sostniet:-

*"li jehtieg li kulhadd jifhem tajjeb li biex tinzamm il-buon ordni f'socjeta' hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jinjora l-inibizzjoni tal-Qorti, qallu x'qallu haddiehor".*

Illi skond kif intqal fis-sentenza **"Dr. Louis Vella *proprio et nomine vs* Joseph Gatt"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2001) dan ifisser *"li tali regolamenti qeghdin hemm sabiex b'mod effettiv jigi accertat li hadd ma jista' jmur kontra l-ligi u jinjora l-ordnijiet li taghti il-Qorti'.*

**<u>C. PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi l-**Marixxall Carmel Degiorgio** xehed fl-14 ta' Gunju 2000 li f'Mejju 1999 kien mar ghand il-konvenuta u kien eleva minn fuqha gizirana u xi domna li kien iddepozita l-Insinwa b'cedola pero' kellha par msielet zghar fuqha li ma gewx elevati stante li kienet qaltlu li kienu tal-mama taghha . Illi fit-tieni okkazzjoni li kien mar u qaltlu li d-deheb l-iehor kienet bieghtu sabiex tmantni lilha innifisha.

Illi in kontro-ezami l-istess Marixxall sostna li jista' jkun li kellu lista tal-oggetti li kellu jeleva, u huwa ma kienx insista li l-konvenuta taghtih l-istess par imsielet. Setgha jkun li kellmu l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u Emanuel Degiorgio, pero' peress li ghaddew sentejn mill-kaz ma kienx qed jiftakar. Lista ma jafx jekk kellux pero' gew indikati lilu xi affarajiet li kellha fuqha.

Illi fix-xhieda tieghu tal-25 ta' Ottubru 2000 sostna li meta mar biex jeleva l-istess oggetti huwa kellu kopja tad-dokument a fol. 46 tal-process li jikkonsisti f'lista ta' oggetti tad-deheb. Mar ghand il-konvenuta fid-19 ta' Mejju 1999, u l-konvenuta qaltlu li bieghet kollox sabiex tmantni lilha infisha, u huwa ma ra ebda oggetti tad-deheb u lanqas fittex ghall-istess. Kien mar ukoll darba ohra qabel dan u kien eleva gizirana u qabad karozza, u kienet qaltlu li ma ghandhiex deheb aktar.

Illi l-**Avukat Dottor Tonio Azzopardi** fix-xhieda tieghu tal-14 ta' Gunju 2000 sostna li Emanuel Degiorgio kien qed jitlob ir-restituzzjoni ta' deheb minghand il-konvenuta li sostna li huma tieghu ghaliex kellu ricevuta taghhom, u fil-fatt ghamel kawza quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Geoffrey Valenzia. Illi fil-mori tal-kawza u fuq talba w insistenza tieghu permezz ta' rikors opportun, il-Qorti kienet ordnat li d-deheb jigi elevat mill-pussess tal-konvenuta u jitqieghed fil-Monte di Pieta' biex ikun hemm kustodit sal-ahhar tal-kawza.

Illi fuq mistoqsija tal-Qorti jekk tali deheb li kellu jigi elevat kienx specifikat, ix-xhud irrisponda li fil-kawza gew esebiti ricevuti u minghalih fir-rikors kien hemm xi kopji, pero' ma setghax jiftakar dan bi preciz, jew kienx il-kaz li ta d-dettalji *brevi manu* lill-Marixxall; skond l-istess xhud l-Marixxall kellu jikkonstata d-dettalji tal-oggetti li kienu mertu tal-kawza u jeleva dak li jsib fil-pussess tal-konvenuta; kien talab ukoll li jsiru *searches* mill-Pulizija u dwar dan sar rapport lill-Ispettur Carmelo Magri, pero' dawn baqghu ma sarux mill-Pulizija.

Illi skond l-istess xhud l-ewwel il-konvenuta xehdet fl-atti tal-istess kawza li tali deheb kien ghandha u qed jigi kustodit minnha, u wara bidlet il-versjoni u qalet li d-deheb kienet iddisponiet minnu. Il-Marixxall rega' mar ghand il-konvenuta u din baqghet issostni li bieghetu l-istess deheb. L-istess avukat tella' lill-konvenuta tixhed u din baqghet ma

esebit l-ebda dokument tal-bejgh tal-istess oggetti tad-deheb, u lanqas riedet tghid lil min bieghetu.

Illi in kontro-ezami mistoqsi jekk il-Marixxall informahx li d-deheb kien fil-pussess tal-konvenuta, u jekk irraportalux li l-konvenuta ma kienitx lesta tikkonsenjah, l-istess xhud sostna li l-Marixxall ghamel riferta biss li l-istess deheb il-konvenuta kienet iddisponiet minnu, u din qalitulu wara li saret l-ordni tal-Qorti.

Illi **l-konvenuta** prodotta mill-attur sostniet li hija lill-Marixxall meta mar ghandha fid-19 ta' Mejju 1999 qaltlu li d-deheb kienet bieghetu, u mistoqsija lil min kienet bieghtu qalet li kienet bieghetu lil nies li ma tafx x'jisimhom fi Triq Santa Lucija. Dan id-deheb kien jikkonsisti f'zewg (2) crieket, u zewg settijiet cappetti. Fuq domanda tal-Qorti sostniet li kienet bieghethom qabel ma gie il-Marixxall ghandha u dan ghax kellha bzonn il-flus, wara li kienu gia selfuha tal-familja. Sostniet li ma kellhiex ricevuti u kienet bieghet l-istess deheb bil-prezz ta' Lm700.

Illi l-istess konvenuta regghet xehdet fil-15 ta' Jannar 2001 u sostniet li kienet ilha tghix ma' Emanuel Degiorgio ghal hames (5) snin u wara li nfirdu l-istess Degiorgio ghamlilha zewg kawzi kriminali, u kellha tohrog zewg *pledges* ta' Lm300 u Lm250 rispettivament, u kien hareg mandat ta' qbid kontra taghha fuq il-karozza u d-deheb li kellha fuqha. Il-karozza ghadha soggetta ghall-istess mandat; kien sar ukoll sekwestru fuq il-flus taghha il-bank u gew ghalhekk

sekwestrati l-ammont ta' Lm1,080. Sabiex halset ghall-*pledge* isselfet il-flus minghand ohta. L-istess deheb ma kienx maqbud, kien hemm biss din l-ordni tal-Qorti mertu tal-kawza odjerna, u hija bieghet l-istess deheb qabel ma hija irceviet l-ordni tal-Qorti dwar l-istess.

Illi in kontro-ezami tat-23 ta' Mejju 2001 l-istess konvenuta qalet li dan Emanuel Degiorgio kien ghamel kawza kontra taghha sabiex hija taghtih lura id-deheb, pero' ma tafx jekk din il-kawza bdietx f'Gunju 1998. F'Jannar 1999 kienet xehdet quddiem il-Qorti u sostniet li l-istess deheb kien ghadu ghandha. Illi hija fir-risposta taghha tat-3 ta' Mejju 1999 kienet sostniet li hija kienet iddisponiet mill-istess oggetti tad-deheb u kompliet tixhed li hija kellha taghti l-flus lill-ohta li kienet silfitha ghaliex kienet talbitomlha lura.

Illi hija kienet bieghet biss zewgt' icrieket, zewg cappetti u zewg settijiet, u kienu dawk biss li taha lilha l-istess Emanuel Degiorgio. Id-deheb l-iehor kien tieghu u zammu hu. Bir-rikors marret ghand l-avukat u qaltlu mill-ewwel li kienet bieghet kollox.

Illi **Carmen Azzopardi** xehdet fit-23 ta' Mejju 2001 u sostniet li hija kienet silfet cirka sentejn qabel lill-konvenuta Lm300 u Lm250 sabiex taghmel xi *pledges.* Xi tmien (8) xhur wara talbitomlha lura, qabel Mejju tan-1999, u wara ftit l-istess konvenuta tathomlha lura peress li qaltilha li kienet bieghet id-deheb kollu li kellha.

**D. APREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi kif intqal fis-sentenza **"Catherine Portelli vs John Cachia"** (A.C. 28 ta' Jannar 1991 – LXXV.526) *"dawn il-provedimenti li jikkonsistu fl-artikoli minn 988 sa 1003 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) bihom il-ligi tiddisponi li certi atti jikkostitwixu disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u tippreskrivi l-pieni li ghandhom jigu inflitti fuq min jinsa li jkun ikkommetta xi att minn dawk………..."*

*"Mill-premessi jidher car li dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess procediment gie introdott bic-citazzjoni, cjoe' l-att li ordinarjament jinizja l-kawza civili, ma jaghtix lil dan il-procediment in-natura civili, u ma jnehhilu xejn min-natura kriminali. Ic-citazzjoni f'dan il-kaz m'hijiex hlief it-tahrika tal-akkuzat biex jidher biex iwiegeb ghall-akkuza (**Artikolu 998 Kap12**)".*

Illi tajjeb li jigi rilevat li l-ligi tiddistingwi dwar diversi tipi ta' disprezz u cioe` l-post fejn tali att ikun allegatament sar, cioe` jekk hux quddiem il-Qorti jew banda ohra (**Art 988 u 989 tal-Kap 12**), kontra min sar u cioe` jekk hux *di fronte* l-ufficcjal tal-Qorti jew haddiehor (**Art 995**), jew minn min (**Art 996**) b'dan li l-Qorti qed timmira li tolqot kull ghemil iehor li jitqies wiehed ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u mhux xi wiehed imsemmi fl-**Artikolu 997**. In-nuqqas ta' tharis tar-regolamenti jikkostitwixxi disprezz u l-penalitajiet moghtija jiddependu skond in-natura tad-disprezz.

Illi fil-kawza “**L-Pulizija vs Meinrad Calleja**” tat-8 ta‘ Gunju 1998 (Qorti tal-Magistrati), inghad:

*“Huwa ovvju, anke minn ezami anke superficjali tad-disposizzjonijiet applikabbli li d-distinzjoni basilari bejn l-imgiba mhux xierqa li ssir ‘infaciem curiae’ u dik li ma ssirx hekk hija netta u l-kazi huma trattati b’mod differenti u dana gustament. Fl-ewwel kaz, il-ligi trid taghti lill-gudikant il-mezzi biex immedjatament igib ghall-ordni lil min jittanta jfixkel il-kors tal-gustizzja u dana biex tassikura li xejn ma jimpediha milli tesercita d-doveri taghha b’intervent repentin u awtorevoli. Fit-tieni kaz fejn id-disprezz ikun sar barra mill-ambitu tal-proceduri quddiemha, il-ligi tipprovdi li jigi assikurat li min ikun akkuzat li jkun hati ta’ disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti jinghata opportunita’ shiha li jiddefendi ruhu minn din l-akkuza” [kollez. Vol:* ***LXXXII.ii. 187];***

Illi fis-sentenza “**Registratur tal-Qrati Superjuri vs Lygia sive Luigia Saliba**” (P.A. JRM 7 ta’ Mejju 2001) inghad:

“*Illi wahda mis-setghat ewlenin ta’ kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet lil xi hadd, kemm jekk biex dik il-persuna taghmel xi haga, jew biex dik il-persuna ma taghmilx xi haga. Il-ksur ta’ kull ordni jikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita’ li, bis-sahha taghha, dik l-ordni tkun inghatat. Kif jghallem Denning: “This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It*

*must be proved beyond reasonable doubt" (cfr. In Re Bramblevale Limited (1970)]".*

Illi, minbarra dan, l-akkuza ta' disprezz iggib maghha l-htiega li tigi ppruvata, minn min qieghed jixli, l-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'hekk l-awtorita` taghha.

Illi fl-istess sentenza inghad ukoll illi dik l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni moghti lilha bhala wiehed korrett jew le: is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jithassarx b'ordni ohra tal-Qorti nnifisha, huwa raguni oggettiva li torbot lill-mixli li joqghod ghaliha, jaqbel jew ma jaqbilx maghha. Hekk jirrizulta ukoll anke jekk wara rrisulta li l-ordni tal-Qorti kien wiehed null, u dan kif gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet "**Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella**" (A.C. 7 t'Ottubru, 1997), b'dan ghalhekk li tali procedura ta' disprezz hija ntiza mhux biex l-attur jirbah xi haga izda biss li tigi zgurata u mharsa l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja ("**Il-Qorti vs Antoine R Camilleri"** – LXXIV.iii.546).

Illi ghalhekk huma fuq dawn il-binarji li din il-Qorti ghandha tikkonsidra t-talbiet attrici u l-agir tal-konvenuta fil-konfront tal-istess.

Illi ma hemm l-ebda dubju ghalhekk li l-attur f'din il-kawza, li qed jaghmel l-akkuzi premessi kontra l-istess konvenuta, ghandu l-oneru li jipprova kemm li sar l-att mill-konvenuta

b'disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti, u wkoll li l-intenzjoni tal-konvenuta kienet li tinjora l-istess ordni li nharget mill-Qorti.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta li certu Emanuel Degiorgio ghamel kawza kontra l-konvenuta (Citaz. Numru 1320/98/GV) quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, sabiex il-konvenuta tigi kkundannata tikkonsenjalu xi oggetti tad-deheb li huwa jsostni li huma tieghu u li l-konvenuta zammet ghandha. Illi fil-kors tal-kawza u permezz ta' rikors datat 20 ta' April 1999, l-istess Emanuel Degiorgio talab is-sekwestru gudizzjarju tal-istess oggetti tad-deheb indikati permezz ta' zewg listi fl-istess atti, u li l-istess oggetti jigu kkonsenjati mill-konvenuta lill-Monte di Pieta' u jibqghu hemm sakemm tinqata l-istess kawza (fol.40) .

Illi fir-risposta taghha l-istess konvenuta datata 3 ta' Mejju 1999 sostniet li minhabba diversi minacci li hija kellha mill-istess Emanuel Degiorgio li ried jiehu d-deheb bil-forza, hija ddisponiet minnu u ma ghadux iktar fil-pussess taghha (fol.43).

Illi b'digriet datat 5 ta' Mejju 1999 il-Qorti ordnat li *ai termini* tal-**artikolu 851 (4) tal-Kap 12** l-oggetti imsemmija jigu depozitati l-Monte di Pieta' sakemm tinqata' l-kawza. (fol.44).

Illi jirrizulta li mar il-Marixxall Carmel Degiorgio mill-inqas darbtejn ghand il-konvenuta w apparti li eleva minn fuqha

gizirana, id-darbtejn li mar l-istess konvenuta mill-ewwel sostniet mieghu li hija ma kienx ghad ghandha l-istess deheb stante li kienet bieghatu ghaliex kellha bzonn il-flus sabiex tmantni lilha innfisha. Illi l-istess Marixxall ma ghamel l-ebda tfittxija fl-istess dar u lanqas ittenta jaghmel din it-tfittxija sabiex jigu elevati l-istess oggetti tad-deheb u qaghad fuq dak li qaltu l-konvenuta. Jidher li l-istess konvenuta kellha xi msielet tad-deheb zghar fuqha u qalet lill-Marixxall li dawk ma kienux taghha, u ghalhekk lanqas dawn l-istess Marixxall ma eleva.

Illi fil-fatt fiz-zewg riferti tal-Marixxall datati 19 ta' Mejju 1999 u 24 ta' Mejju 1999 rispettivament, esebiti a fol. 45 tal-process jinghad li l-istess Marixxall kiteb li *"gejt informat minn Anna Mizzi, li d-deheb imsemmi fir-rikors hi ddisponiet minnu w il-lum m'ghadux iktar fil-pussess taghha"* w *"inzid nghid li gejt informat minn Anna Mizzi li d-deheb bieghetu biex tmantni lilha".*

Illi sussegwentement permezz ta' rikors datat 26 ta' Mejju 1999 (u mhux 23 ta' Gunju 1999 kif indikat erronjament fic-citazzjoni attrici) l-istess Emanuel Degiorgio talab *inter alia* li jittiehdu passi kontra l-konvenuta ghad-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti stante li l-istess konvenuta ma obdietx l-ordni tal-Qorti datata 5 ta' Mejju 1999 sabiex hija tikkonsenja l-istess deheb biex jigi depozitat il-Monte di Pieta`.

Illi fir-risposta taghha datata 10 ta’ Gunju 1999 a fol. 97 tal-process l-istess konvenuta sostniet li hija ddisponiet mid-deheb sabiex thallas ghad-depositi li kellha taghmel ghall-*pledges* fl-ammont ta’ Lm550, u peress li inhareg kontra taghha mandat ta’ sekwestru hija kellha bzonn il-flus sabiex thallas xi arretrati fuq il-karozza taghha.

Illi b’digriet tal-Qorti datat 17 ta’ Gunju 1999 (fol.7) il-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba w ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex jiehu passi kontra l-konvenuta ghad-disprezz u fil-fatt saret din il-kawza.

Illi l-istess konvenuta sostniet li hija kienet bieghet l-istess deheb li kien skond hija jikkonsisti biss f’zewgt’ iccrieket zewg settijiet u zewg cappetti ghall-prezz ta’ Lm700 lill-persuni mhux maghrufa minnha fi Triq Santa Lucija, meta kienet sejra biex tbiegh id-deheb f’xi hwienet stante li ma kellhiex flus la biex tmantni lilha nnfisha u wkoll ghaliex kienet hadet self minghand Carmen Azzopardi li kienet selfitha il-flus sabiex thallas l-imsemmija *pledges* fl-ammont ta’ Lm550 komplessivament u ghalhekk kellha ukoll thallasha lura.

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, l-attur kellu l-oneru li jipprova li l-istess konvenuta kellha l-istess deheb ghandha meta saret l-ordni mill-Qorti datata 5 ta’ Mejju 1999, u l-konvenuta minn jedda naqset li tikkonsenja l-istess oggetti tad-deheb lill-Marixxall inkarigat sabiex jeleva l-istess oggetti.

Illi dan l-attur ma rnexxielux jaghmlu *stante* li jidher li ma gie bl-ebda mod pruvat li l-istess konvenuta kellha fil-pussess taghha l-istess deheb kemm fid-data tal-imsemmija ordni tal-Qorti tal-5 ta' Mejju 1999, u kemm wara, tant li fir-risposta stess ghar-rikors promotorju li dwaru inghata l-istess digriet, il-konvenuta mill-ewwel qalet li l-istess deheb ma kienx fil-pussess taghha, u lill-Marixxall qaltlu hekk fiz-zewg okkazzjonijiet li mar ghandha fid-19 u l-24 ta' Mejju 1999.

Illi jirrizulta wkoll li l-istess Marixxall lanqas biss fittex fid-dar taghha sabiex jara jekk kienx hemm d-deheb lilu indikat fir-residenza taghha, u fil-fatt fl-istess process ma hemm l-ebda prova ta' xejn li l-istess deheb fil-fatt f'dak iz-zmien ta' Mejju 1999 kien ghand l-istess konvenuta, u ghalhekk fin-nuqqas ta' tali prova, ma jirrizultax li t-talbiet attrici f'din il-kawza jistghu jigu milqugha, *stante* li la darba qed jirrizulta li effettivament l-istess deheb ma kienx ghadu ghand il-konvenuta, hija ma setghetx tikkonsenja l-istess deheb lill-Marixxall, u ghalhekk l-att lamentat ta' disprezz ma jidhirx li gie pruvat, *stante* li lanqas gie pruvat li l-istess konvenuta kellha l-intenzjoni li ma tobdiex l-ordni tal-Qorti.

Illi fil-fatt ma jistax jigi tenut li l-konvenuta ghanda tikkonsenja dak li ma ghadux fil-pussess taghha, u mill-provi prodotti jirrizulta fil-fatt li l-konvenuta ma ikkonsenjatx l-istess deheb kif ordnata li taghmel mill-Qorti biss peress li l-istess deheb ma kienx fil-pussess taghha, u ebda prova

kontrarja ghall-istess ma ingabet la permezz ta' xhieda u lanqas permezz tal-Marixxall li mar ghandha biex jeleva l-istess oggetti.

Illi anzi mir-risposti taghha ghar-rikorsi li gew maghmula minn Emanuel Degiorgio jirrizulta li mill-ewwel hija sostniet li l-istess deheb ma ghadhux ghandha, u l-istess tezi hija tat ukoll lill-Marixxall meta l-istess mar biex jesegwixxi l-ordni tal-Qorti, u dan fid-darbtejn li mar fir-residenza taghha. Provi kontradittorji ghal dan li jippruvaw li fil-fatt l-istess deheb jinsab ghand il-konvenuta ma ingabu bl-ebda mod quddiem din il-Qorti, u ghalhekk abbazi tal-premess l-istess talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha, *stante* li l-allegazzjonijiet hemm vantati, u ma jirrizultax li l-konvenuta konxjentozament u kapriccozament ghazlet li ma tobdiex l-ordni tal-Qorti, izda jirrizulta li hija ma ikkonsenjatx id-deheb ghaliex l-istess deheb ma kienx ghadu ghandha.

Illi ma jidhirx lanqas li l-istess konvenuta kienet b'xi mod impeduta milli tbiegh l-istess deheb b'ordni tal-Qorti, u fil-fatt ma issemma l-ebda mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-konvenuta, u ghalhekk ma jidhirx li l-istess konvenuta kellha xi restrizzjoni f'dan ir-rigward, apparti il-mertu tal-kawza taghha ma l-istess Emanuel Degiorgio, li ma huwiex il-mertu ta' din il-kawza.

Illi veru li l-versjoni moghtija mill-konvenuta f'dawn il-proceduri ma hijiex ghal kollox konsistenti f'certu dettalji ta' kif hija ddisponiet mill-istess deheb, u r-ragunijiet il-ghaliex

hija hasset li kellha taghmel dan, pero' nonostante dan xorta jibqa' l-fatt li l-attur bl-ebda mod ma ressaq il-minimu ta' prova li juri li l-istess oggetti mertu tal-ordni tal-Qorti kienu fil-pussess tal-konvenuta fil-perjodu fuq indikati u relevanti.

Illi l-unika prova li l-attur ittenta jressaq kienet biss l-allegata xhieda tal-konvenuta fil-proceduri l-ohra quddiem Qorti diversament presjeduta, fejn l-istess konvenuta qed jinghad li qalet fis-seduta tat-18 ta' Jannar 1999 li l-istess deheb jinsab ghandha merfugh. Pero' minn dak in-nhar sa Mejju 1999 ghaddew diversi xhur, u l-prova li ghandha quddiemha din il-Qorti hija li f'Mejju 1999 l-istess deheb ma baqax ghandha, u dan mix-xhieda tal-istess konvenuta, korroborata mir-risposti taghha fl-istess proceduri ma Emanuel Degiorgio, u minn dak li qalet lill-Marixxall tal-Qorti.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess it-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha u dan ghaliex ma jirrizultax li l-attur irnexxielu jaghmel il-prova rikjesta mill-ligi, fil-grad rikjest mill-istess ligi, kemm dwar l-att allegatament ta' disprezz kommess mill-konvenuta u kemm dwar il-*mens rea* jew l-intenzjoni tal-istess, anzi mill-provi jirrizulta li ma giex ippruvat li l-konvenuta kellha l-intenzjoni li ma tobdix l-ordni tal-Qorti.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tichad it-talbiet attrici** bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Dicembru, 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Dicembru, 2001**